# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 04

Data tal-laqgħa: 11 ta' Settembru, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Settembru 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**04/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**04/01/01** Ma kienx hemm.

**04/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Tielet Laqgħa**

**04/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**04/02/02** **Para 03/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq is-sejħa tal-Assistant Principal skala 11 bagħtet il-formoli lill-Jobsplus.

**04/02/03** **Para 03/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera ġdida fi Sqaq tal-Ferħa ser titħallas mir-resident peress li għal użu personali.

**04/02/04** **Para 03/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-resident li joqgħod fi Triq Ferdinand irid iġib permess mis-sid ta' faċċata biex teħel il-mera.

**04/02/05** **Para 03/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera ġdida fi Triq San Ġwann (qrib il-mitħna) ser titħallas mir-resident peress li għal użu personali

**04/02/06** **Para 03/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-vleġeġ mar-roundabout iċ-ċatta ta' Triq Caravaggio għadhom ma sarux.

**04/02/07** **Para 03/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sindku talbet l-għajnuna ta' Reġjun Lvant biex isir Impact Assessment madwar il-Għargħur kollu.

| | |
|---|---|
| **04/02/08** | **Para 03/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq D. Farrugia fejn hemm il-barumbara l-art hija privata għaldaqstant ir-rack ta' roti ma tistax titqiegħed hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lir-resident. |
| **04/02/09** | **Para 03/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet permess mill-GO plc biex it-*telephone box* tiġi librerija. Barra minn hekk, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu diġà ipprovdewna kotba b'xejn. |
| **04/02/10** | **Para 03/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-manutenzjoni ta' *telephone box* irridu nkellmu lil Heritage Malta jew lill-Ministeru għall-Wirt, Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali. |
| **04/02/11** | **Para 03/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadd mir-residenti ma qabel li ssir *sleeping police* fi Triq Caravaggio qrib Triq iċ-Ċawl. |
| **04/02/12** | **Para 03/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM għadha ma approvatx it-3m double yellow line fi sqaq fi Triq l-Indipendenza. |
| **04/02/13** | **Para 03/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna ma' Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi biex isir parti mill-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Dun Gio Batta Chetcuti. |
| **04/02/14** | **Para 03/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċċekkjat mal-Enemalta Plc u sabet li ma hemmx linja tal-*street lights* fi Sqaq Qiegħed. Barra minn hekk, talbet kwotazzjoni għall-bozoz solari. |
| **04/02/15** | **Para 03/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM għadha ma approvatx it-tabelli ta' *no-entry* bejn 6:30am – 9:00am fejn hemm Merħba Għargħur għal karozzi li jgħaddu minn Triq John Adye u jidħlu minn ġol-Għargħur. |
| **04/02/16** | **Para 03/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-residenti jaqblu li titpoġġa *sleeping police* fi Triq l-Indipendenza imma rridu naraw fejn l-aħjar tiġi. |
| **04/02/17** | **Para 03/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-residenti ma jaqblux li titpoġġa *sleeping police* fi Triq Mons L. Catania. |
| **04/02/18** | **Para 03/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Kunsill informa lis-sid biex jiżborx is-siġra li qed timblokka l-bankina fi Triq Caravaggio (qrib il-bus stop Vendome). |
| **04/02/19** | **Para 03/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-STOP ta' mal-art fi Triq San Nikola (ħdejn l-ATM) saret. |
| **04/02/20** | **Para 03/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Għargħur Community Policing Team qed jagħmlu rondi minħabba ż-żibel kemm f'Top of the world kif ukoll fil-ġonna pubbliċi. |
| **04/02/21** | **Para 03/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq is-suġġeriment biex inżidu aktar bins f'Top of the world hi kellmet lill-Ministru għat-Turiżmu. Min-naha tal-Ministru staqsew kemm għandna bżonn bins u fejn irriduhom. Barra minn hekk, ġie deċiż li nitolbuhom jagħtuna 6 tabelli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tfassil tal-*bye-law* minħabba l-ħmieġ tal-klieb għadu pendenti. |
| **04/02/22** | **Para 03/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa ma' residenta li ssuġġeriet li x-Xwieki jkun aktar aċċessibli għal kulħadd. |
| **04/02/23** | **Para 03/02/26:** Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' TM sabiex il-Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew jiġi viċin tal-KOZA Dumplings. |
| **04/02/24** | **Para 03/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret l-ewwel laqgħa ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali. Is-Sa. Attard qalet li qegħdin ħames membri. L-ewwel attività soċjali ħa ssir nhar it-Tlieta, 8 t'Ottubru fil-Każin tal-Banda u ser ikun hemm ukoll taħdita dwar il-vjolenza domestika u qed jippjanaw l-attivitajiet għal Novembru u Diċembru. Is-Sa. Hassan talbet li l-għaqdiet kollha |

jkunu rappreżentati fis-Sotto Kumitat tal-Kultura u Attivitajiet. Is-Sa. Attard talbet rendikont ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtitulha l-bieraħ. Is-Sa. Attard qalet li fi 12 ta' Novembru aktarx ser jorganizzaw buffett breakfast u f'Diċembru il-party tal-Milied. Is-Sa. Attard spjegat li ser tipprova daħħal l-aspett kulturali waqt dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

04/02/25 **Para 03/02/29:** Is-Sa. Attard qalet li għadhom ma sarux laqgħat tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Attivitajiet u li hemm xi tnejn oħra li jixtiequ jidħlu f'dan is-Sotto Kumitat. Barra minn hekk qed tippjana li tiġi organizzata attività tal-halloween fi xelter imma l-ewwel għandna bżonn inneħħu l-ilma. Is-Sindku qalet li hemm partijiet mix-xelter li jistgħu jintużaw xorta waħda. Is-Sa. Attard qalet li jekk l-attività ma ssirx din is-sena ssir is-sena d-dieħla. Barra minn hekk, ser ikun hemm WhatsApp chat bejn l-għaqdiet fejn kulħadd jaqsam informazzjoni dwar l-attivitajiet li jkunu qed jorganizzaw.

04/02/26 **Para 03/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għada ħa ssir laqgħa mal-persuna li bħalissa qed juża s-semaphore tower bħala mużew tar-radjijiet. Is-Sindku issuġġeriet li l-garaxx ta' semaphore tower jibda jintuża mill- Community Policing Team peress li qed ifittxu hub minn fejn joperaw. Bażikament post fejn ipoġġu r-roti, kċina żgħira u toilet. Is-Sindku qalet li mhux ser jaqdu nies minn hemm. Is-Sa. Hassan qalet din il-ħaġa tista' tgħin biex jiġu iktar il-Għargħur. Is-Sa. Attard qalet li l-idea hija tajba imma tħoss li t-torri huwa spazju kulturali li ilu ma jitgawda min-nies snin u se nerġgħu nagħlquh. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk jużaw il-garaxx aħna xorta inkunu nistgħu nużaw it-torri. Is-Sa. Meli qalet li rrid namalgamaw kif din tal-Community Policing tgħin biex dan it-torri jerġa' jieħu l-ħajja u fl-istess ħin jinteġraw iktar mal-komunità. Is-Sa. Meli qalet li l-kunċett huwa tajjeb u jrid jiġi atwat b'mod tajjeb. Is-Sindku spjegat li b'dan il-mod iktar ikunu l-hawn u forsi jduru dawra. Barra minn hekk, il-garaxx jinfed ġo torri. Is-Sur Fenech qal li peress li toilet qiegħed fi torri ma tistax tagħtihom il-garaxx biss. Is-Sa. Meli saqsiet jekk it-torri jistax jerġa' jibda jinfetaħ imma s-Sindku qalet li l-ewwel irrid jiġi rranġat. Is-Sa. Meli qalet li forsi napplikaw biex jiġi restawrat permezz ta' xi skema. Is-Sa. Meli qalet li fuq il-garaxx ma ssibx problema imma xettika fuq it-torri. Is-Sindku qalet li min-naħa tagħna nistgħu għalissa insellfuhom il-garaxx peress li r-restawr jieħu ż-żmien. Għaldaqstant nippruvaw nieħdu din l-opportunità. Is-Sa. Meli qalet li l-skop huwa tajjeb basta jiġi emalgamat sew. Is-Sa. Attard staqsiet jekk huwiex sikur u s-Sindku qalet li l-blata inbidlet reċentement. Is-Sindku qalet li Community Police jistgħu jidħlu mill-ġaraxx. Is-Sindku spjegat li l-għan tagħha hu li jiġu iktar l-hawnhekk.

04/02/27 **Para 03/02/32:** Is-Sa. Hassan qalet li kemm il-'Kids Craft Session' kif ukoll il-'Movie Night' kienu suċċess. Is-Sa. Hassan irringrazzjat lill-iskrivan is-Sur George Debono tal-għajnuna. Is-Sa. Hassan ipproponiet li ssir attività bil-kollaborazzjoni ta' Reġjun Lvant, 'Four Seasons In One Day' (craft session) nhar is-Sibt, 2 ta' Novembru fl-10:00am ġewwa s-Sala tal-Kunsill. Is-Sa. Hassan issuġġerit li jinxtraw is-supplies u t-tfal jingħataw muffin kull wieħed. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sa. Hassan qalet li kellha idea li nagħmlu play tal-Milied li ssir mit-tfal fi żmien tal-Milied. Is-Sa. Hassan talbet li jsir kuntatt mal-Kappillan biex naraw nistgħux issir fl-1 ta' Diċembru waqt il-quddiesa ovvjament jekk ma jaċċettax tista' ssir x'imkien ieħor. Din il-play ħa ssir bl-għajnuna ta' Sa. Martha Gauci mill-għaqda Dwal Ġodda. Is-Sa. Meli qalet li jista' jkun hemm tfal li l-quddiem jingħaqdu ma' Dwal Ġodda. Is-Sa. Hassan qed taħdem fuq il-posters. Is-Sa. Meli qalet li barra l-logo tal-Kunsill ikun hemm ukoll il-logo ta' Dwal Ġodda. Is-Sa. Hassan ħa saqsi lis-Sa. Gauci hiex qed tirrappreżenta lilha nfisha jew l-għaqda Dwal Ġodda.

04/02/28 **Para 03/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing bagħtu kopja tal-kuntratt għas-servizz tal-knis fil-lokalità. Fl-aħħar laqgħa kien ġie maqbul li l-knis jibqa' taħt il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet lil Accountant biex tgħidilna jekk tridx tibqa' toffri servizz. Is-Sindku qalet li tajniha ftit żmien peress li l-Accountant tagħna għadda għal ħajja oħra. Is-Sa. Meli qalet li bdejna Settembru u ma nafux kif qegħdin bħala budget. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inputting baqa' għaddej u ladarba jkollha risposta ser tinformahom immedjatament.

**04/02/29** **Para 03/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet talbet lil Kap tad-Dipartment tat-Tindif is-Sur Ramon Deguara biex jibgħat lil ħaddiema tal-Cleansing sabiex jaħslu t-toroq imma dawn għandhom waiting list twila. Is-Sa. Meli qalet li għandhom jagħtuha update fiex wasalna.

**04/02/30** **Para 03/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi 18 ta' Settembru ser nissottomettu l-applikazzjoni ta' Town Twinning Cultural Educational Programme.

**04/02/31** **Para 03/02/36:** Is-Sa. Meli tkellmet fuq il-European Week of Sport (23 – 30 ta' Settembru) u qalet li ser ikun hemm uffiċċjali tal-LESA kif ukoll il-Community Policing Team. Ġie ffirmat ftehim ma' Visit Malta peress li huma wieħed mill-sponsors. Barra minn hekk, ser isir ftehim ma' resident mill-lokal li ukoll ser jtina sponsor. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-posters diġà bdew jitqassmu. Is-Sa. Meli qalet li risk assessment lest imma jonqos l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sa. Meli qalet li saret laqgħa mal-għaqdiet għax għandna bżonn 30 marshals. Is-Sa. Meli spjegat li l-outreach importanti ħafna u li min-naħa tagħha diġà kellmet xi influencers. Barra minn hekk, din il-ġimgħa bdew deħlin ir-registrations. Jumejn qabel ir-race ħa nibdew inqassmu l-bibs mill-Kunsill. Tlabna lill-ħwienet biex min jista' joffri ilma jew frott. Ovvjament iktar ma jieħdu sehem nies iktar jinġabru donazzjonijiet b'risq Puttinu Cares.

**04/02/32** **Para 03/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ta' sessjonijiet tal-aerobics bdew din il-ġimgħa. Is-Sa. Meli staqsiet jekk kienx hemm problema bis-sessjonijiet tal-aerobics ta' filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm min wera interess imma mbagħad ma attendiex. Is-Sa. Meli qalet li aħjar nerġgħu nagħmlu share tal-poster u nwaħħlu kopja man-notice boards.

**04/02/33** **Para 03/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li CEO tal-Community Clinic ma jsibx oġġezzjoni li titbierek u l-Kappillan aċċetta mill-ewwel. Is-Sa. Meli issuġġeriet l-10 t'Ottubru imma s-Sindku qalet li diġà għandha impenn ieħor. Hi qalet li fl-10 ta' Ottubru ħa ssir taħdita dwar is-saħħa mentali b'kollaborazzjoni mal-Health Promotion & Disease Prevention Directorate. Ġie deċiż li t-tberik isir xi darba filgħaxija. Is-Sa. Hassan saqsiet meta huwa l-anniversarju ta' Dr Theuma qalet għax kieku nistgħu nabbinawha ma' hekk. Peress li f'Lulju ħa nsibu data fil-viċin.

**04/02/34** **Para 03/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ toqob li kellhom isiru qabel l-festa ma sarux.

**04/02/35** **Para 03/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed tapplowdja d-dokumenti kollha fuq is-sit uffiċjali.

**04/02/36** **Para 03/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-playing equipment wasal Malta.

**04/02/37** **Para 03/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero ħa ssir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**04/02/38** **Para 03/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ *zebra crossings* ta' Triq Caravaggio – Triq Dun Salvatore Zarb u oħra mid-dar tal-kavallieri sa faċċata jridu jiġu approvati minn TM.

**04/02/39** **Para 03/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jista' isir MC Bay fi Triq Dun Salvatore Zarb.

**04/02/40** **Para 03/02/47:** Is-Sur Fenech qal li s-Sur Jurgen Baldacchino irranġa z-*zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew senza interessi.

**04/02/41** **Para 03/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġardinar qata' l-ħaxix ta' Triq Kromb il-Baħar.

**04/02/42** **Para 03/02/49:** Is-Sa. Meli qalet li tal-GO p.l.c. neħħew il-wires minn mal-arblu ta' Triq il-31 ta' Marzu u għandhom jgħidulna meta ġejjin.

**04/02/43** **Para 03/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-bollards ta' Triq San Ġwann saru. Barra minn hekk, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-uffiċċjal ta' TM rigward ix-xogħol ta' triq. Is-Sa. Meli qalet li għandna nitolbuh update. Is-Sur Fenech qal li qrib ir-roundabout diżastru.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**04/02/44** **Para 03/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet żewg tabelli li hemm fi tarf ta' Triq San Nikola inqalaw.

**04/02/45** **Para 03/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li informat lis-Sur E. Vassallo li s-Sur Alfred Cuschieri talab li jġedded għal sena oħra.

**04/02/46** **Para 03/02/55:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza maqtugħa fi Triq il-Ġnien bejn Busietta Gardens u traffic tights saret.

**04/02/47** **Para 03/02/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toqob li talbu l-Kumitat Festa San Bartilmew madwar ir-raħal għadhom pendenti. Is-Sur Fenech qal li fil-ġimgħa qalulu li jridu żewġ toqob oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt ma' Sur James Lupi Spencer.

**04/02/48** **Para 03/02/62:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Lands Authority talbu site plan minħabba dawk il-bollards illegali li saru fi Triq Santa Katerina minn sid il-barriera.

**04/02/49** **Para 03/02/63:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ħa ssir spezzjoni mill-WSC fuq l-arloġġ tal-ilma (bin-numru 519757) ta' searchlight battery. Barra minn hekk ħa ssir laqgħa ma' Salesjani.

**04/02/50** **Para 03/02/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq Caravaggio saret.

**04/02/51** **Para 03/02/65:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċevejna mill-Awtorità tal-Ippjanar li nistgħu noħorġu s-sejħa għal offerti biex issir Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard.

**04/02/52** **Para 03/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ tabelli 'no-entry' ta' ħdejn il-kazin tal-banda saru. Is-Sur Fenech qal li trid issir no-entry n-naħa tal-Każin tal-Banda u tabelli ta' man-naħa tal-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/02/53** **Para 03/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkellem lil Perit rigward il-'patching' quddiem numru 11 fi Triq F. Żarb li ħa isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**04/02/54** **Para 03/03/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nġibu 'skip' żgħir biex narmu l-imbarazz li hemm fil-kamra ta' ħdejn il-ground tal-football.

**04/02/55** **Para 03/03/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar reklam fuq il-'big screen' nhar il-Ġimgħa, 23 t' Awwissu 2024. Barra minn hekk, qalet li nstab post alternattiv għal dak li jbigħ il-ġugarelli.

**04/02/56** **Para 03/03/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm passaġġ fil-konfini ta' bejn in-Naxxar u l-Għargħur qeda f'kuntatt mal-Avukat rigward it-talba għal esproprjazzjoni għal interess pubbliku.

**04/02/57** **Para 03/04/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 'double yellow line' ta' ħdejn garaxx fi Triq K. Fenech għadu ma sarx.

**04/02/58** **Para 03/04/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellimna lir-resident li kien qed iħalli l-vettura ipparkjata ħażin fi Triq San Nikola sa issa jidher li qed jikkopera.

**04/02/59** **Para 03/04/09**: Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-'poster' tal-lista ta' attivitajiet fiżiċi sar mis-Sa. Meli.

**04/02/60** **Para 03/04/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi peress li hemm bżonn ta' aġġornament ta' tabelli tal-kappella ta' San Nikola, tabelli viċin l-ATM u t-tabella tax-xelter u anke notice board fi triq Caravaggio.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**04/02/61** **Para 03/04/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar kuntatt mal-Water Services Corporation u li mil-laboratorju tagħhom gie ikkonfermat li mis-sampling li ħadu l-ilma li ħiereġ fi Sqaq tal-Ħofra huwa ilma ġieri.

**04/02/62** **Para 03/04/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sa. Meli qed taħdem biex issir kampanja flimkien mal-ħwienet lokali dwar l-indafa wara l-klieb biex noħolqu aktar kuxjenza fost ir-residenti.

**04/02/63** **Para 03/04/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jitwaħħlu tabelli tal-qanfud top of the world fil-partijiet fejn jgħaddu l-karozzi minħabba li qed jintlaqtu.

**04/02/64** **Para 03/04/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat ittra lir-residenti biex naraw l-opinjoni tagħhom rigward issuġġeriet li Triq E. M. Perren kif toħroġ minn Triq l-Excelsior biex b'hekk il-karozzi jitilgħu 'l fuq u fil-fetħa (l-area tal-binja tal-oratorju jiżdied il-parkeġġ billi parkeġġi jiġu jħarsu 'l fuq mhux mindudin.

**04/02/65** **Para 03/04/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-parkeġġi ta' Vjal ir-Repubblika għandhom bħonn jiġu irregolarizzati u forsi nkunu nistgħu ndaħħlu MC parking spaces.

**04/02/66** **Para 03/04/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bejn Awwissu u Settembru sar it-tindif tal-culverts.

**04/02/67** **Para 03/04/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kanna tal-ilma li marret fi Triq San Bartilmew ġiet irranġata mill-Water Services Corporation.

**04/02/68** **Para 03/04/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *refreshing* ta' *road marking* 'STOP' fi Triq l-Oratorju sar.

**04/02/69** **Para 03/04/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li drenaġġ miżdud li kien hemm ħdejn il-Landmark Stationery fi Triq S. Zerafa infetaħ.

**04/02/70** **Para 03/04/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bozza ta' Triq l-Indipendenza qeda tixgħel.

**04/02/71** **Para 03/04/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet lis-Sanità jiġu jieħdu *sample* tal-ilma tax-xelter. Barra minn hekk, ħa nżommu biss dawk l-affarijiet li għadhom fi stat tajjeb.

**04/02/72** **Para 03/04/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet li Perit sabiex jiċċekkja fuq il-parti imħarbta ta' Triq Katerina Sammut. Is-Sa. Attard qalet li l-kuntrattur kien għamel patching. Is-Sindku qalet li dik qatt ma saret. Is-Sur Fenech qal li kien mela l-ħofor.

**04/02/73** **Para 03/04/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabet stima mingħand Intercomp €1950 + VAT imma wieħed irid jara l-ispiża biex tixtri l-cartridges. Is-Sa. Attard qalet li aħjar inġibu iktar stimi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/02/74** **Para 03/04/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawl tal-monument ta' San Bartilmew sar mis-Sur Jurgen Baldacchino senza interessi.

**04/02/75** **Para 03/04/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li siġar tal-iskola inżabru.

**04/02/76** **Para 03/04/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li attività edukattiva ma' sidien tal-klieb bħal mixja fil-kampanja għadha pendenti.

**04/02/77** **Para 03/04/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bozza ta' Triq San Ġwann għadha mhux qed tixgħel.

**04/02/78** **Para 03/04/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mingħand Transport Malta fuq il-'junction box' ta' ħdejn ir-roundabout ta' Triq M. Murray, Naxxar.

**04/02/79** **Para 03/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret laqgħa qabel din il-laqgħa ma' Sur Matthew Navarro fejn spjegalna iktar fi detall rigward PA/06545/23 3, Triq Fidiel Zarb k/m Triq il-Ġnien. Skont is-Sur Navarro dan il-bini mhux fl-ODZ u l-pjazza tad-Dejma ħa tkun iktar wiesa' u li jista' jkun li parti mit-triq tiġi usa u ziguzajk imma aħna ma naqblux. Is-Sur Navarro ħa jibgħatilna l-korrispondenza li għandu ma' Transport Malta fuq dan is-suġġett.

**04/02/80** **Para 03/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet l-applikazzjoni ta' resident għal Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq Caravaggio lil Transport Malta.

**04/02/81** **Para 03/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet l-informazzjoni lil ENEMALTA p.l.c rigward arblu li jisparkja u li qed jagħmel ħsara lill-appliances fl-appartamenti ta' The Calling fi Triq Caravaggio.

**04/02/82** **Para 03/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attività li organizza ir-Reġjun Lvant 'A theatrical tour of the Easter Region' li saret is-Sibt, 31 t'Awwissu kienet suċċess.

**04/02/83** **Para 03/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret laqgħa mal-Melita rigward il-proġett il-ġdid li jaġġornaw l-infrastruttura għal fiber u fil-bidu ta' sena d-dieħla ser jibda l-proċess ta' installazzjoni.

**04/02/84** **Para 03/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Active Ageing Unit iridu track changes ta' dawk il-klawsoli li nixtiequ li nibdlu fil-ftehim. Is-Sa. Meli qalet li qajmet il-punt li l-ftehim jiġi rivedut forsi jinħoloq nofs ta' nhar li fih l-anzjani jkollhom programm, kollazzjon u xi taħdita. Is-Sindku qalet li fil-homes jagħmlu chair exercises. Is-Sa. Meli qalet tipo ta' Day Center. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tistaqsi lil tal-Active Ageing Unit jistax isir bhal day center.

**04/02/85** **Para 03/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li resident li biex ikollu mera faċċata ta' dħul / ħruġ tal-garaxx mal-ħajt tal-knisja irid jitlob permess lill-Kappillan.

**04/02/86** **Para 03/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella fuq arblu 'Tarmix Żibel Hawn' għal Sqaq Charlotte.

**04/02/87** **Para 03/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li TM mhux qed tapprova 'reserved parking bays' Biex jiċċarġjaw l-karozzi elettriċi.

**04/02/88** **Para 03/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wieħed mill-ħaddiema uża spray kontra l-wirdien fi Sqaq tal-Ħofra. Is-Sa. Attard talbet li niktbu lil Water Services Corporation biex jikkonfermaw min hu responsabbli mill-fossa.

**04/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**04/03/01** Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' japplika sa €75,000 mal-Public Works hija pproponiet li jirranġaw il-ġnien ta' ħdejn is-searchlight battery. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt ma' Sa. Antonia Demicoli rigward dan il-proġett.

**04/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**04/04/01** Is-Sur Fenech qal li hemm karozza mitluqa fi Triq Santa Katerina ġo għalqa sejrin għal Mc Donalds fil-biċċa d-dejqa. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lill-Pulizija.

**04/04/02** Is-Sur Fenech qal li hemm bżonn tabelli li jindikaw li l-pjazza magħluqa. Biex forsi nordnaw 6 tabelli għal Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann, Triq il-31 ta' Marzu. Nordnaw 4 tabelli bil-printing fuq pjanċa 'slow pedestrians crossing'.

**04/04/03** Is-Sur Fenech qal li rridu nfakkru lil tal-Malta Public Transport li meta terġa' tibda li skola ma jgħaddux mit-triq tal-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ ta' tfal mill-iskola. Waqt il-festa il-karozzi tal-linja xorta waħda baqgħu jitilgħu sal-pjazza sa Sibt minbarra l-Ħadd għax it-triq kienet magħluqa.

**04/04/04** Is-Sur Fenech ippropona li ssir laqgħa bejn il-Kunsill mal-kap tal-iskola primarja.

**04/04/05** Is-Sur Fenech qal li fi żmien tal-festa ġew tal-ENEMALTA p.l.c. jaraw l-arbli l-ħodor tal-pjazza u infurmawh li jridu jinqalgħu u jridu jagħmlu tiswijja neċessarja u imbagħad jerġgħu jeħlu.

**04/04/06** Is-Sur Fenech ressaq li l-ġardinar jiżbor is-siġar ta' Xwieki int u ħiereġ lejn ic-*central strip*.

**04/04/07** Is-Sur Fenech staqsa jekk il-Kunsill irċeviex *feedback* fuq l-stage ta' Xwieki. Is-Sindku qalet li sal-lum ma rċevejna xejn.

**04/04/08** Is-Sur Fenech ressaq li jibda jtella' l-pjanti ftit ftit minn Ġnien il-Paċi lura fil-pjazza.

**04/04/09** Is-Sur Fenech talab li terġa' ssir bollard fi Triq Stiefnu Zerafa.

**04/04/10** Is-Sur Fenech issuġġerixxa li noġġezzjonaw fuq l-iżvilupp fl-ODZ PA (Naxxar). Is-Sindku qalet li aħna ser noġġezzjonaw għax jekk tinbena n-nar tal-festa jispiċċa u l-ambjent jinqered. Issa kif tafu bħala Kunsill diġa' oġġezzjonajna u ser ninfurmaw lil tal-graffitti. Is-Sa. Attard issuġġerriet li titpoġġa mejda l-Ħadd filgħodu fil-pjazza. Is-Sur Fenech talab li ssir konferenza stampa. Is-Sindku ser tkellem lis-Sindku tan-Naxxar biex issir konferenza stampa flimkien. Is-Sur Fenech qal li nsejjħu l-ġurnalisti, għaqdiet u residenti. Barra minn hekk il-petizzjoni ser tkun il-Kunsill.

**04/04/11** Is-Sa. Meli ipproponiet Traffic lights fi Triq Santa Katerina fil-junction tal-Ferħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob li tiltaqa' ma' Sur Tommy Debono.

**04/04/12** Is-Sa. Meli talbet li jiġi rivedut il-ħin ta' traffic lights ta' Triq il-Ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qiegħed tajjeb.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**04/04/13** Is-Sa. Meli qalet li ta' SEM qalulna li ta' Town Twinning minn 4 days irridu naqsuha għal 3 days.

**04/04/14** Is-Sa. Meli qalet li fuq tal-European Week of Sports waqt it-tiġrija naraw jistgħux jiftħu xi għelieqi.

**04/04/15** Is-Sa. Meli qalet li tkellmet mal-Eden Super Bowl u provdewlha prezz ta' €16 (2 bowling) Games 30th October. Attivita' għal familja kollha. Transport ikun extra u on request. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-kayaking fully-booked.

**04/04/16** Is-Sa. Meli saqsiet kif ser nibqgħu fuq il-ħasil ta' toroq. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ħa ħsieb jaħsel it-toroq ta' ċentru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ħa naraw x'ser jagħmlu l-Cleansing.

**04/04/17** Is-Sa. Meli rċeviet diversi lmenti riġward il-barriera ta' Triq John Adye għax qed taffettwa saħħa tan-nies. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma l-ERA.

**04/04/18** Is-Sa. Meli talbet li torganizza attivita' biex tqajjem iktar awareness fl-20 ta' Ottubru b'kollaborazzjoni mal-Cleansing jiġi xummiemu u jkun hemm stand bl-informazzjoni u give aways, educational activities għal familja kollha u qeda ukoll f'kuntatt mal-Wasteserv. Bejn l-10am-12pm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/04/19** Is-Sa. Meli bħala membru tal-borg tal-MAGF ser tkun qed is-siefer f'Diċembru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**04/04/20** Is-Sa. Meli qalet li rċeviet rapport rigward għargħar fi Triq Żagħruna. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa' kelmet lil Perit.

**04/04/21** Is-Sa. Meli qalet li 3 residenti ta' Sqaq Charlotte talbu l-isqaq jiġi cobblestone. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat it-talba b'mod uffiċċjali.

**04/04/22** Is-Sa. Meli talbet li ssir laqgħa mal-Malta Public Transport biex l-buses jiċċkienu. Is-Sa. Hassan qalet li mill-bombi qed ikunu mimlijin. Is-Sindku qalet li idealment ikun hemm shuttle bus min hawn għan-Naxxar. Is-Sa. Hassan qalet li ma tagħmilx sens it-time-table u l-applications qed jaħdmu. Nitolbu laqgħa magħhom biex naraw fejn hemm fejn jitjieb u ssir iktar accessibbli ghal naħat oħra. Is-SE ser titlob laqgħa.

**04/04/23** Is-Sa. Hassan qalet li l-poster tal-Four Seasons in One Day irridu nibagħtuh għal approvazzjoni tar-reġjun kif ukoll minhabba l-logo u naraw hemmx fondi ghas-supplies. Is-Sa. Hassan resqet li s-Sindku titlob li Reġjun tal-Lvant fondi għal play tat-tfal.

**04/04/24** Is-Sa. Attard qalet li hemm kanal biex forsi ssir gradilja. Is-Segretarju Eżekkutiv ħa tistaqsi lil Public Works.

**04/04/25** Is-Sa. Attard issuġġeriet li tisqija tal-pjanti u l-ħasil tal-pjazza isir permezz ta' pipe twil. Is-

Sur Fenech qal li l-aħjar insaqsu lis-Sur Mario Abela u naraw il-pompa hiex b'saħħitha. Is-Sur Fenech qalet li kienet teżisti sistema mill-iskola, kien hemm sistema min taħt l-art u jqabbad il-pipe minn ħdejn iz-zuntier jew minn ħdejn Julie. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tieħu parir mingħandu. Is-Sur Fenech qal li qed tifranka l-ispiża tal-bowser.

**04/04/26** Is-Sa. Attard tixtieq li sena d-dieħla norganizzaw 3 ijiem Sqallija organizzata mill-Kunsill. Bħalissa qed tiġbor xi stimi.

**04/04/27** Is-Sur Fenech ressaq biex naħsbu minħabba it-tiżjin tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala Christmas Market ġibna fondi permezz tal-iskema. Imma bħala dawl ta' toroq aħjar nġibu fondi mill-MTA. Is-Sa. Meli ssuġġeriet li nkellmu l-Ministeru ta' Alison Zerafa Civelli.

**04/04/28** Is-Sa. Meli qalet li s-Sur Charlie Dimech jixtieq jidħol fis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali.

**04/04/29** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġibna 3 quotations minħabba l-microphones minħabba l-public consultation li ħa ssir fi 16 ta' Settembru. L-irħas quote kienet ta' Transient (€592.36). Ġiet approvata.

**04/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**04/05/01** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat ittra lir-residenti.

**04/05/02** Fuq it-talba għal tabella taż-żwiemel fi Triq tal-Ferħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/03** Fuq it-talba għal *sleeping police* f'salib it-toroq fi limiti tal-Ferħa. Is-Sindku qalet li diġà ġraw żewġ inċidenti. Ġie deċiż li nsaqsu lil Transport Malta biex naraw jistgħux jagħmlu *traffic lights*. Is-Sa. Mariah Meli ressqet li nitolbu n-numru tar-rapport lill-pulizija u ndaħħluhom ma' talba.

**04/05/04** Fuq it-talba ta' resident għal tabelli 'Access to Parish Square closed'. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku qalet li qed jitilgħu minn Triq il-Kbira minħabba l-google maps. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**04/05/05** Fuq it-talba ta' resident għal *u-bar* fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/06** Fuq it-talba biex isiru strixxi mal-art għax meta tkun ix-xita Triq Ghar San Brincat tiġi tiżloq. Ġie deċiż li niktbu lil Transport Malta.

**04/05/07** Fuq ilment rigward ħruġ ta' ikel tal-qtates fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li għandna ninfurmaw lil Cat Feeder filwaqt li s-Sa. Mariah Meli ressqet li ngħidu lil Community Police. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/08** Fuq it-talba għal tabella 'Keep Quite Residential Area' fi Triq l-Isqof Gargallo. Ġie deċiż li ngħidu lil Community Police.

**04/05/09** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq l-Indipendenza. Resident spjega lis-Sindku li f'salib it-

toroq trid tiġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-*sleeping police* trid tiġi approvata minn Transport Malta u s-Sa. Meli qalet li forsi mal-art nindikaw li hija *two-way*. Is-Sa. Meli talbet li jitpoġġa doggy bin man-naħa tal-għelieqi fi Triq l-Indipendenza. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

**04/05/10** Fuq ilment dwar żibel li jinħareġ minn filgħodu fil-ġenb tal-knisja. Il-Kunsill qabel unanimament li titpoġġa qasrija. Is-Sur Christopher Fenech qal li qasrija nsibu. Is-Sur Fenech qal li l-kennies qed jiknes it-triq u mhux il-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkellem lill-kuntrattur.

**04/05/11** Fuq it-talba biex jitranġa ħajt fi Sqaq iċ-Ċawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill u x-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**04/05/12** Fuq ilment dwar *culvert* miksur fi Sqaq il-Qiegħed. Il-Kunsill qabel unanimament nixtru wieħed ġdid.

**04/05/13** Fuq is-suġġeriment għar-rinnovazzjoni ta’ roundabout fi Triq San Ġwann. Is-Sindku qalet is-sena d-dieħla mal-Public Works. Is-Sur Fenech qal li ħitan tal-Ġnien tal-Ponta napplikaw għal xi skema.

**04/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Michelle Scerri – Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2024 – Espressjoni ta’ Interess – Servizz ta’ Manutenzjoni Minuri f’Binjiet pubblici. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw għal din l-iskema.

**04/05/15** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04.

**04/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Roberta Carabott – ĊIR AKL 2024/053 – European Mobility Week.

**04/05/17** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Adrian Farrugia – University of Malta re: Mobile Dental Unit.

**04/05/18** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Neville Galea – SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa. Wara li l-applikazzjonijiet kollha ġew evalwati t-talba tagħna għal fondi ġiet aċċettata.

**04/05/19** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-istimi biex jitneħħa l-arblu fi Triq Għaxqet l-Għajn. L-istima ta’ Sur Matthew Vassallo hija l-unika stima li daħlet fi żmien stipulat.

**04/05/20** Ġiet innutata talba ta’ residenta għal *double yellow line* quddiem garaxx fi Triq 31 ta’ Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**04/05/21** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 11208 fejn l-Awtorita’ ma laqgħetx it-talba għal parkeġġ riservat personalizzat (Triq id-Dejqa).

**04/05/22** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta Ref: 11742 talba għal 1.5m Keep Clear Bay fi Vjal ir-Repubblika.

**04/05/23** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta li toqgħod fi Triq Mons. Luigi Catania fejn ma taqbilx li ssir *sleeping police* f’din it-triq.

**04/05/24** Ġiet innutata korrispondenza mill-Wasteserv – European Week for Waste Reduction Nov’ 24.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**04/05/25** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Kopja tal-MOU – Servizz tal-knis f'Ħal Għargħur.

**04/05/26** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Awwissu 2024).

**04/05/27** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Settembru 2024).

**04/05/28** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur James Hamberger mill-Kunsill Regjonali Lvant – Three Palaces Festival. Il-Kunsill qabel unanimament li nipparteċipaw.

**04/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**04/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**04/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**04/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru 2024 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |